MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 45/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Natalino Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Natalino Xuereb talli matul ix-xahar ta' Novembru 2007 naqas li jaghti l-manteniment ta' Lm100 lil Stefania Grech ghal wild minuri taht il-kustodja taghha meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' Frar 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Natalino Xuereb hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu bil-

kundizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor fi zmien xahar (1) ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Barra minn hekk dik il-Qorti ordnat lill-istess Natalino Xuereb ihallas is-somma ta' Lm100.00 ekwivalenti ghall-€233.00 fi zmien gimgha ai termini ta' l-artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Natalino Xuereb pprezentat fl-14 ta' Frar 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa fil-qosor illi l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija skond l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi mhuwiex mizzewweg lil Stefania Grech.

Issa, l-artikolu 338(z) jipprovdi li huwa hati ta' kontravvenzjoni kull min:

**"meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jaghti lil martu jew tonqos li taghti lil zewgha, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha jew ghalih u, jew, ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma"**.

Il-ligi hija cara u tirreferi ghal min **"jonqos li jaghti lil <u>martu</u> jew tonqos li taghti lil <u>zewgha</u>"** (fit-test Ingliz ***"fails to give to his or her <u>spouse</u>"***). Kjarament mela l-ligi qed tirreferi ghal nuqqas ta' parti jew ohra fi <u>zwieg</u>. L-appellant mhuwiex mizzewweg lil Stefania Grech u ghaldaqstant l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija a tenur ta' l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9.

Konsegwentement l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u ghalhekk tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta a tenur ta’ l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif huwa nstab hati mill-ewwel Qorti, u tilliberah minn tali imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------